**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 101/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 8 ta' Novembru 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-14 ta' Lulju 2010, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jikkontesta stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-4 ta' Marzu 2010 ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.09.08 permezz ta' liema, skontu, qed jigi miltub ihallas is-somma ta' €23,224.89, u dana billi huwa ma qalax l-ammont indikat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud peress illi l-ammont li huwa qala' huwa ferm inqas minn dak determinat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-appell huwa rritu u null peress li ma giex ipprezentat entro t-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-istimi kontestati, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) ir-Rikorrent già intavola appell bin-Numru 59/10[1] fejn fir-Risposta tal-Kummissarju intalbet in-nullità;

Ra li b'Rikors ipprezentat fl-14 ta' Novembru 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi talab li jissoleva eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent stante li qabel ma

[1] Ir-referenza moghtija mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ir-referenza quddiem it-Tribunal hija Rikors Nru. 102/12VG.

kienu gew intavolati l-proceduri odjerni huwa kien lahaq hareg Talba ghall-Hlas fil-konfront tar-Rikorrent datata 28 ta' April 2010, liema Talba ghall-Hlas giet notifikata lir-Rikorrent fit-3 ta' Mejju 2010. Ra li ghalkemm tali talba giet milqugha b'Digriet moghti fl-24 ta' Novembru 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi baqa' ma ressaqx b'mod formali tali eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal;

Ra n-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjudipprezentata quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-11 ta' April 2011 permezz ta' liema gharraf lill-Bord illi fit-13 ta' Settembru 2010 huwa kien ghadda il-kaz in ezami lill-Kummissarju tal-Pulizija u li sa' dak iz-zmien il-kaz kien ghadu qed jigi investigat mill-Pulizija;

Ra l-istimi mahruga kontra r-Rikorrent mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08;

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fil-25 ta' Ottburu 2012[2], fejn it-Tribunal gie infurmat li terzi persuni qed jigu investigati mill-Pulizija in konnessjoni mad-denunzji tat-taxxa sottomessi mir-Rikorrent u l-istess Rikorrent jista' jkun xhud fi proceduri eventwali li jistghu jittiehdu fil-Qorti Kriminali u konsegwentement il-partijiet qablu li dawn il-proceduri jistennew l-ezitu ta' tali investigazzjonijiet u eventwali proceduri kriminali;

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fil-25 ta' April 2013[3] fejn it-Tribunal gie infurmat li sa' dak l-istadju kienu ghadhom ma nbdewx investigazzjonijiet kriminali dwar dan il-kaz izda li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kien qed jinsisti li tali investigazzjonijiet jinbdew;

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fl-4 ta' Lulju 2013, fejn rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gharraf lit-Tribunal li sa' dak l-istadju min-naha tal-Fraud Squad kienu ghadhom ma ircevew l-ebda informazzjoni dwar it-talba li saret mid-Direttur Generali biex isiru investigazzjonijiet fid-dawl ta' informazzjoni moghtija mir-Rikorrent u fejn it-Tribunal, fid-dawl ta' tali informazzjoni, issollecita lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jikkomunika mad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u sa' fejn jista' jipprovdih b'informazzjoni dwar jekk inbdewx investigazzjonijiet kriminali kif mitlub mill-istess Direttur Generali u jekk jidhirx li hemm lok li jittiehdu proceduri kriminali, u dana sabiex il-proceduri in ezami ma jkomplux jitwalu inutilment;

Ra li b'Digriet moghti waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 it-Tribunal ordna il-prosegwiment tas-smigh tal-proceduri u dana fid-dawl tal-fatt li sa'

[2] Fol. 16 tal-process.
[3] Fol. 18 tal-process.

dakinhar kienu ghadhom ma gew istitwiti l-ebda proceduri kriminali in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Sema' x-xhieda moghtija minn Roderick Vella[4] u Roderick Sultana[5] in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2014, ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ipprezentata fis-16 ta' Jannar 2015 a fol. 51 sa' 54 tal-process, ra d-dokument, ossia stqarrija rilaxxata mir-Rikorrent lill-Ispettur Angelo Gafà fl-14 ta' April 2009, esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fis-16 ta' Novembru 2015 a fol. 68 sa' 70 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fid-29 ta' Frar 2016 a fol. 72 sa' 76 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fit-18 ta' Lulju 2016 a fol. 80 sa' 88 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.09.08 u dana in bazi ghall-aggravju li huwa ma qalax l-ammont indikat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex dak li attwalment qala huwa ferm inqas mill-ammont determinat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud stante li huwa rritu u null in kwantu pprezentat oltre t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fl-Artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali jirrizulta li bhala fatt il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg tlett stimi fil-konfront tar-Rikorrent u dawn ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08 permezz ta' liema kien qed jesigi hlas minghand ir-Rikorrent tas-somma komplessiva ta' €29,072.11 bhala taxxa fuq il-valur mizjud flimkien ma' multi amminsitrattivi w imghax. Ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg dawn it-tlett stimi fil-konfront tar-Rikorrent l-appell odjern, kif jirrizulta ben car mir-Rikors promotur, jittratta dwar zewg stimi biss minnhom u cioè l-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.09.08. Ghad illi mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u min-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti kif ukoll mill-atti tal-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rik. Nru. 102/12VG jirrizulta li r-Rikorrent jikkontesta l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi ghat-tlett perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08,

[4] Fol. 56 sa' 58 tal-process.
[5] Fol. 59 u 60 tal-process.

01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08, it-Tribunal fil-kaz in ezami huwa prekluz milli jikkonsidra l-perijodu ta' taxxa 01.07.08-30.09.08 ghaliex ghal raguni li jaf hu biss, ir-Rikorrent ressaq l-appell tieghu fuq iz-zewg perijodi ta' taxxa l-ohra biss u mhux fuq dan il-perijodu ta' taxxa wkoll.

Iccarata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrent sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Qabel ma jittratta din l-eccezzjoni però t-Tribunal josserva li filwaqt li huwa ben konxju mill-fatt li fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08 inharget fil-konfront tar-Rikorrent Talba ghall-Hlas a tenur ta' l-Artikolu 59(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba ghall-hlas giet notifikata, u b'hekk qed tigi ventilata l-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal – kwistjoni din trattata u determinata fil-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rik. Nru. 102/12 b'sentenza moghtija illum stess – ma jqisx li fil-kaz in ezami din il-kwistjoni ghandha tiehu precedenza fuq l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell u dana billi fil-kaz in ezami u kuntrarjament ghall-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mijzud" ir-Rikorrent mhux qed jikkontesta l-interpellazzjoni ghall-hlas tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud maghmula permezz ta' Talba ghall-Hlas izda qed jikkontesta l-istimi proprji li l-Kummissarju kien hareg fil-konfront tieghu.

Mill-atti processwali jirrizluta li fl-4 ta' Marzu 2010 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien hareg fil-konfront tar-Rikorrent stimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08. Dawn l-istimi gew notifikati lir-Rikorrent fid-9 ta' Marzu 2010. L-appell tar-Rikorrent mill-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.06.08, ossia l-appell odjern, gie pprezentat fl-14 ta' Lulju 2010, ossia ftit iktar minn erba' xhur wara n-notifika ta' l-istimi.

A tenur ta' l-Artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien il-provvediment tal-Ligi applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, ossia l-2010, appell minn stima kellu jigi intavolat fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell. Applikat dan il-provvediment ghall-kaz in ezami ghandu jirrizulta bl-iktar mod car u inekwivoku li l-appell intavolat mir-Rikorrent mill-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.06.08 huwa tardiv.

Ghalkemm ir-Rikorrent kien già ressaq appell mill-pertensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08 fid-19 ta' Mejju 2010, li huwa l-appell formanti l-mertu tal-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rik. Nru. 102/12 decizi b'sentenza moghtija llum stess, ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni li l-proceduri odjerni huma kjarament tardivi. Bl-istess mod il-fatt li r-Rikorrent jikkontendi li *tajjeb li jinghad li fil-kaz in kwistjoni, kuntrarjament*

*ghal dak li jghid l-Kummissarju appellat, l-appellant ma kienx traskurat u dan specjalment meta kif gie ippruvat waqt dawn il-proceduri, ferm qabel ma l-appellant beda jircievi tali stejjem mill-Kummissarju appellat, f'April 2009 kien digà involut fl-investigazzjonijiet kriminali li kienu qeghdin isiru rigward dan il-kaz. Fil-fatt, kif jaf ben tajjeb dan l-Onorabbli Tribunal, l-appellant dejjem talab sabiex dawn il-proceduri jistennew l-esitu ta' dawk l-investigazzjonijiet, li jistghu jitfghu d-dawl misthoqq fuq it-tragedja personali li ssokkombiet fuq l-appellant*[6], lanqas ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni in ezami.

Dawn l-osservazzjonijiet tat-Tribunal huma imsejsa fuq il-principju ormai assodat in materia li *l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali* ***huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula***[7]*. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità tal-proceduri – Giuseppi Caruana v. Charles sive Charlie Psaila, Appell, 21 ta' Marzu 1997*[8]*.*

Ir-Rikorrent jipprova jargumenta li t-terminu ghall-appell mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud beda jiddekorri min-notifika lilu tat-Talba ghall-Hlas datata 28 ta' April 2010, liema talba giet notifikata fit-3 ta' Mejju 2010. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu jissottometti li *fl-2010 l-artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta) kien jipprovdi li appell minn stima huwa validu jekk isir entro tletin gurnata mid-data ta' servizz ta' avviz. Illi l-appell originali ta' l-appellant huwa datat 12 ta' Mejju 2010 u huwa ittimbrat mill-Bord ta' l-Appelli tal-VAT bid-data 19 ta' Mejju 2010 u dan jindika trankwillament li l-appell gie intavolat entro t-terminu stipulat fil-Ligi. Illi wara dan l-appell, l-appellant intavola appell iehor f'Lulju ta' l-istess sena, stante li l-formola li uza ghall-ewwel appell ma kinetx il-formola korretta. Illi fid-demand note relattiva, l-appellant intalab ihallas lill-Kummissarju appellat l-ammont ta' erbatax-il elf mija u hamsa u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€14,665.72), liema ammont huwa ibbazat fuq stima li nharget mill-Kummissarju appellat lill-appellant. Illi ghalhekk ladarba tali somma tifforma parti mill-istima, l-appellant kellu kull dritt li jintavola l-appell tieghu quddiem il-Bord ta' l-Appell li kien imwaqqaf dak iz-zmien ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tipprovdi li wiehed jista' jintavola appell minn stima. Illi l-ligi hekk miktuba ma taghmilx distinzjoni dwar kif tali stima trid tkun giet ikkomunikata lill-persuna koncernata, bhal per ezepmju jekk hux permezz ta' demand note jew le. Illi ghalhekk il-Kummissarju appellat ma jistax jippretendi li ghax hareg demand note ghall-hlas ta' tali stima stabbilita minnu (li b'ebda mod ma tirrifletti l-*

[6] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 80 sa' 88 tal-process.
[7] Enfasi tat-Tribunal.
[8] A.B. Limited v. Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) – Decisions of the Court of Appeal, Kawza Nru. 71, pg. 166.

*ammont attwali ta' taxxa pagabbli ghax hija semplicement stima), l-appellant ma ghandux dritt li jappella quddiem il-Bord koncernat entro t-terminu ta' tletin gurnata u dan specjalment meta l-ligi m'hijiex cara u specifika rigward meta tali appell ghandu jigi intavolat u ma issir ebda distinzjoni fuq kif tigi kkomunikata tali stima, liema nuqqas ta' distinzjoni jirrizulta wkoll mill-att kif inhu emendat il-gurnata ta' llum. Illi ghal din ir-raguni l-appellant huwa ta' l-umli opinjoni li il-ligi tippermettilu li jintavola tali appell entro tletin gurnata mid-demand note, u dan stante li l-ligi tippermetti appelli la darba jikkoncernaw stejjem. Illi nonostante li l-appellant intavola appell entro t-terminu prefiss fil-ligi f'Mejju 2010, huwa rega' intavola appell iehor stante li kien uza l-formola skorretta u mhux sabiex jintavola appell fuq punt jew mertu differenti. Illi l-appellant, specjalment fic-cirkostanzi tal-kaz, m'ghandux jigi penalizzat ghaliex intavola appell gdid f'Lulju 2010 sabiex jikkoregi l-izball li sar fl-appell intavolat f'Mejju 2010 u dan specjalment meta l-Kapitolu 406, specifikatament paragrafu 6(3) tad-Disa' Skeda jipprovdi li dan it-Tribunal jista' f'kull hin jaghti permess li ssir emenda fir-rikors ta' l-appell biex ikun iktar car u f'dan il-kaz l-unika emenda li ghamel l-appellant kien li intavola appell billi uza l-formola korretta, filwaqt li t-talbiet tieghu baqghu l-istess. Illi ghalhekk tali appell ghandu jigi kkunsidrat validu stante li dan jikkoregi l-appell li sar entro it-terminu prefiss mill-ligi billi ntuzat il-formola korretta. Illi dan huwa ezempju car ta' sitwazzjoni fejn jixraq li s-sustanza tipprevali fuq il-forma, li m'ghandiex ixxekkel is-sustanza ta' l-appell ta' l-appellant*[9].

Fil-fehma tat-Tribunal is-sottomissjonijiet u konsegwenti argumenti mressqa mir-Rikorrent in sostenn tal-validità ta' l-appell tieghu huma guridkament zbaljati u bhala tali mhux sostenibbli.

Jibda biex jinghad li l-Ligi tispecifika b'mod car u inekwivoku li appell quddiem dan it-Tribunal u quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu jista' jigi intavolat biss minn stima mahruga a tenur tal-provvedimenti tat-Taqsima V tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux ukoll minn Demand Note jew Talba ghall-Hlas mahruga ai termini ta' l-Artikolu 59(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jargumenta li ma hemmx distinzjoni bejn avviz ta' stima u Talba ghall-Hlas, in verità distinzjoni tezisti u hija wahda netta, in kwantu anke l-istadji relattivi huma distinti minn xulxin, u tirrizulta b'mod specifiku mill-Ligi.

A tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, anke kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, ossia bejn is-sena 2008 u s-sena 2010, stima provvizorja tinhareg mill-Kummissarju meta jkollu ghal xiex jahseb li denunzja ta' taxxa maghmula minn *taxpayer* ghal zmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni shiha u korretta ta' l-informazzjoni mehtiega li tkun dikjarata f'dik id-denunzja. A tenur tas-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi, precedentement is-subartikolu (3), wara li jghaddi zmien ta'

[9] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 80 sa' 88 tal-process.

mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur min-notifika ta' stima provizorja lit-*taxpayer* dwar zmien ta' taxxa, tul liema perijodu, jizdied jigi osservat, l-istess stima provizorja tista' tkun, fuq talba tat-*taxpayer* stess, *under review*, il-Kummissarju jista' johrog stima ta' l-*output tax* u t-tnaqqis ta' dak it-*taxpayer* ghal dak iz-zmien ta' taxxa, flimkien mal-penali amministrattiva li ghaliha jista' jkun soggett it-*taxpayer*. Una volta notifikat b'tali stima t-*taxpayer* kellu, fiz-zmien rilevanti ghal dan il-kaz, id-dritt li jappella quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema appell kellu *ad validitatem* a tenur ta' l-Artikolu 4 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi intavolat fi zmien tletin jum min-notifika ta' l-istima lit-*taxpayer*. Tali jedd ta' appell u kondizzjoni ta' intavolar ta' l-istess entro tletin gurnata min-notifika ta' l-istima lit-*taxpayer* japplikaw anke llum fir-rigward ta' dan it-Tribunal u dan kif jirrizulta b'mod car mill-Artikolu 43 u l-Artikolu 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Mata.

Kemm-il darba jiskadi inutilment tali terminu ta' tletin gurnata min-notifika ta' l-istima lit-*taxpayer*, ossia ma jkunx gie intavolat appell mill-istima entro it-terminu ta' tletin gurnata, huwa evidenti li dik l-istima ssir **finali u konklussiva** u l-vertenza bejn il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u t-*taxpayer*, naturalment kemm-il darba t-*taxpayer* ma jkunx hallas dak minnu dovut jew ta' l-inqas lahaq ftehim mal-Kummissarju dwar il-hlas dak minnu dovut, tidhol **fl-istadju tal-gbir tat-taxxa** liema stadju huwa regolat bl-Artikoli 58 *et sequitur* tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatt li f'dan l-istadju l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ssir finali u konklussiva jirrizulta bl-iktar mod car mill-Artikolu 59(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.* Raggunt dan l-istadju ghalhekk it-Tribunal, u l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu, ma jibqax iktar kompetenti biex jittratta kontestazzjonijiet sollevati mit-*taxpayer* f'din il-fazi tal-vertenza bejnu u l-Kummissarju tat-Taxxi.

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, it-terminu ta' tletin gurnata sabiex jigi intavolat appell mill-istimi mahruga kontra tieghu ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni beda jiddekorri min-notifika lilu ta' dawk l-istimi u mhux min-notifika lilu tat-Talba ghall-Hlas u ghaldaqstant fil-kaz in ezami beda jiddekorri mid-9 ta' Marzu 2010.

In kwantu rigwarda l-argument tar-Rikorrent li d-data tal-prezentata li ghandha tigi ikkunsidrata hija dik tal-proceduri istitwiti fid-19 ta' Mejju 2010, ossia l-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rik. Nru. 102/12, u mhux dik tal-prezentata ta' dawn il-proceduri, ossia l-14 ta' Lulju 2010, dan ukoll huwa guridikament zbaljat u bhala tali mhux sostenibbli. Ghalkemm il-meriti tal-proceduri jistghu ikunu l-istess jew

simili, fatt dwar liema t-Tribunal fi kwlaunkwe kaz ghandu r-riservi tieghu, kull procedura trid titqies b'mod individwali u t-terminu tal-prezentata ta' dawn il-proceduri ghandu jigi kkunsidrata mid-data tal-prezentata taghhom u mhux mid-data ta' xi proceduri anterjuri. Apparte dan, anke kieku stess wiehed seta' b'xi mod jorbot mal-proceduri istitwiti fid-19 ta' Mejju 2010, u dana bla pregudizzju ghall-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal li jittratta dwar kontestazzjonijiet fir-rigward ta' Talba ghall-Hlas mahruga a tenur ta' l-Artikolu 59(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta trattata u determinata bis-sentenza moghtija llum stess fil-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rik. Nru. 102/12, dawn xorta wahda gewipprezentati oltre t-terminu ta' tletin gurnata **min-notifika ta' l-istimi kontestati lir-Rikorrent**, li huwa l-*punctum temporis* centrali ghall-kaz in ezami.

B'hekk thares minn fejn thares lejn il-kaz, jirrizulta bl-iktar mod car u inekwivoku li l-appell odjern gie pprezentat *fuori termine* u ghaldaqstant huwa irritu u null.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li l-appell intavolat mir-Rikorrent fl-14 ta' Lulju 2010 gie pprezentat *fuori termine* u konsegwentement jiddikjara l-istess imsemmi appell irritu u null.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**